22 ta' Marzu, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Romeo Dougall *versus* Michele Camilleri

**Bejgħ — Appalt — Prezz Ġust.**

*Meta l-appaltatur jintrapprendi opera li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi l-materjal, dak l-appalt huwa affini għall-bejgħ. Għaldaqstant, jekk ma jkunx hemm ftehim minn qabel fuq il-prezz ta' dik l-opera, ewoldiri li l-partijiet irrimettew ruħhom għall-prezz ġust, skond il-prattika kummerċjali u l-ġurisprudenza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £450, jew verjuri ammont ieħor, import ta' kjosk ta' l-injam li l-attur ħadem fuq inkariku tal-konvenut f'Marina Wharf, Senglea, skond il-kont anness (dok. A). Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tas-17 ta' Awissu 1949, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni ;

Ikkunsidrat ;

Illi, kif jidher mid-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċitazzjoni, il-konvenut qed isostni li l-azzjoni hi intempestiva, għaliex hu jippretendi li bejn il-partijiet kien hemm il-patt li l-prezz kellu jiġi fissat mill-Arkitett u Inġinier Civili Louis Mifsud, u li l-attur ipproċeda qabel ma dan il-perit lesta l-istima tiegħu ;

Illi l-provi mismugħa ma waslux biex jistabbilixxu illi l-kontendenti rrimettew ruħhom għall-ġudizzju ta' dak il-perit. L-attur fix-xhieda tiegħu ċaħad li kien hemm dak il-patt......... Għalhekk ma hemmx lok għall-eċċezzjoni ta' l-intempestività, għaliex l-attur ma kienx marbut li jistenna l-espressjoni definitiva tal-fehma ta' dak il-perit qabel ma jaġixxi ;

Ikkunsidrat ;

Illi t-tieni eċċezzjoni ma tistax tiġi riżoluta qabel ma jiġi deċiż x'somma ħaqqu jieħu l-attur. Veru li l-konvenut għamel depożitu wara l-mandat ta' elevazzjoni li għamillu l-attur, u veru li l-konvenut awtorizza lill-attur li jiżbanka £256 minn dak id-depożitu ; imma apparti konsiderazzjonijiet

oħra, jibqa' dejjem li wieħed jara jekk l-ammont depożitat ikopri x l-ammont li eventwalment jiġi aġġudikat favur l-attur. Dina l-eċċezzjoni għalhekk tiġi kunsidrata fi stadju ieħor tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Illi deher mill-provi li l-konvenut ta lill-attur l-inkariku li jagħmillu kjosk. In-negozju intervenut bejn il-kontendenti kien dik il-forma ta' lokazzjoni d'opera li tissejjaħ appalt. Hu magħruf li l-"locatio operis" tista' tkun ta' xorta tali li fiha l-artiġjan jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma anki l-materjal, kif kien dan il-każ. Issa, meta huwa hekk, il-ġeneralità tad-dottrina u ġurisprudenza tara f'kuntratt simili affinità mal-kuntratt tal-bejgħ (ara Baudry-Lacantinerie, Locaz. Vol. II, P. II, paġ. 260, u d-deċiżjonijiet tal-Qrati Franċiżi minnu ċitati in nota; ara wkoll Troplong, II, n. 962; Colmet de Santerre, VII, n. 241 bis; Planiol, 97. 1. 89; Duranton, XVII, n. 250; u Duvergier, II, n. 355);

Illi hi materja ta' prattika kummerċjali u ta' ġurisprudenza, li ssib il-bażi tagħha fil-bwon sens u fl-ekwità, illi meta l-bejjiegħ u x-xerrej ma jsemmux il-prezz vwoldiri li qegħdin jirrimettu ruħhom għall-prezz ġust (ara sent. ta' din il-Qorti sedenti l-Imħallef Dr. Alfredo Parnis, 3 ta' April 1925, "Dr. Caruana ne. vs. Anastasi ne."). Fil-każ preżenti, dan il-prinċipju jsib b'analoġija l-applikazzjoni tiegħu, ġaladarba l-appalt kien jikkomprendi l-fornitura tal-materjal mill-imprenditur tax-xogħol, u għalhekk jixbah il-bejgħ. Hu paċifiku li fil-każ preżenti ma kien hemm ebda ftehim fuq il-prezz;

Illi għalhekk hu neċessarju li jiġi stabbilit il-prezz ġust tax-xogħol li għamel l-attur, kompriża l-fornitura tal-materjal;

Għalhekk din il-Qorti, previja r-rejezzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni, tinnomina........... bħala perit in-Negozjant Giuseppe Delia............. L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali;

Il-kawża tibqa' aġġornata għas-27 ta' April 1950, għall-preżentata tar-relazzjoni.